Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

---

MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL
L-GHAXAR KUNSILL
SEDUTA NRU. 6 – Il-Ħamis 28 ta' Novembru 2024 fit-3:30 ta' wara nofsinhar.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhar Il-Ħamis 28 ta' Novembru 2024 fit-3:30 ta' wara nofsinhar.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Joseph Debono | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**6.1 Talba**

6.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

**6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

6.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

**6.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

6.3.1 Ma kien hemm ittri ta' apologija.

**6.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

6.4.1 Is-Sindku għamel referenza għal-laqgħa li nżammet mal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar Clint Camilleri li saret fl-1 ta' Novembru fil-11.00am fejn kienet laqgħa ferm kordjali u nteressanti. Fost diversi suġġetti li ġew diskussi, kien hemm il-Proġett tal-Pjazza u taraġ taz-Zuntier, il-proġett ta' quddiem l-iskola Primarja, il-bdil tal-Pjan Lokali fl-art magħrufa bħala Ta' Passi, toroq u attivitajiet ta' matul is-Sena. Il-Kunsill qabel li kienet laqgħa ferm pożittiva fejn diġa rajna progress fuq xi wħud minn dawn il-punti imsemmija.

6.4.2 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-Press Conference li ser issir mill-Ministru għal Għawdex u Pjanar Clint Camilleri nhar id- 9 ta' Dicembru fil-11 ta' filgħodu rigward il-proġett tal-cladding u tisbieħ tal- faċċata tal-iskola.

6.4.3 Is-Sindku qal li kmieni din il-ġimgħa kellu laqgħa mal-Perit Godwin Sultana, l-Arċipriet u Rudolph Cauchi għaliex il-proċess tal-proġett tal-Pjazza wasal f'punt fejn jrid jiġi deċiż hux se ssir bid-dwal tal-Knisja u taraġ jew il-parti t'isfel biss. Ġew diskussi id-disinni li jidher li hemm qbil dwarhom u l-Arċipriet qal li se jinforma l-Kurja dwar il-possibilta' li l-ftehim bejn il-Kunsill u Paroċċa għat-tisbiħ tal-Misraħ jiġi estiż għat-taraġ u dwal tal-Knisja. Ġew diskussi wkoll materjal tal-pavimentar u x'tip ta' vetturi jitilgħu fil-pjazza sabiex jiġi assigurat li ma' jkunx hemm ħsarat. Prattikament qablu mad-disinn u nfurmajnihom dwar it-talba tal-pavimentar tat-tarag u dawl tal-knisja. Ġiet diskussa wkoll il-problema dwar id-*density* tal-pavimentar minħabba it-toqol ta' cranes, forklifter eċċ f'każ ta' bżonn minn żmien għall-ieħor.

6.4.4 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li saret l il-Ġimgħa 25 ta' Ottubru bejn il-'Voice for Inclusion – Gozo' u il-Perit Antoine Zammit f'isem l-konsorzju l-ġdid ta' Forti Chambray. Fid-dawl tal-fatt li qed jiġi propost li l-foss ikun spazju miftuħ, il-Kunsill ressaq is-suġġeriment li parti minnu joffri spazju rikrejattiv għal tfal bl-awtiżmu – speċfikament fuq il-kunċett ta' 'obstacle course'. Filwaqt li ġew diskussi il-limitazzjonijiet li hemm dwar x'jista jsir f'dan l-ispazju minħabba is-senssittivita tas-swar, sar qbil li b'xi mod jiġi propost dan il-kunċett li jirrispetta l-kuntest storiku filwaqt li jkun l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu f'Għawdex għal tfal b'awtiżmu.

6.4.5 Is-Sindku semma' kif it-tiġdid tal-karti tal-identita' għar-residenti t'Għajnsielem se jsiru mill-uffiċju tal-Kunsill tagħna stess minn nhar it-Tnejn 2 ta' Diċembru sal-Ġimgħa 7 ta' Diċembru.

6.4.6 Is-Sindku qal ukoll li t-tilqima tal-influwenza ser tingħata mill-uffiċju tal-Kunsill il-Ġimgħa 29 t'Ottubru.

6.4.7 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 22 ta' Novembru ser isir l-iffirmar tal-kuntratt tas-Sena tal-Kultura – Gozo 2025 mir-Regjun Għawdex li ser jinżamm fil-Gozo Innovation Hub, Xewkija. Dan huwa ċertament unur għal Għawdex u Għajnsielem għandu jaħtaf l-opporunita' sabiex jippromwovi it-talent kulturali u dak kollu assoċjat miegħu. Huwa qal li fil-ġimgħat li jmiss se jsiru laqgħat mar-Reġjun dwar kif se jkun involut Għajnsielem. Is-Sindku isssuġerixxa li jiġi ppublikat ktieb kemm għal kbar u anke għat-tfal jekk iż-żmien jippermetti budget ta' 250K Is-Sindku propona li parti minn l-attivitajiet ikun ktieb dwar Għajnsielem. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

6.4.8 Is-Sindku għamel referenza għal fatt li l-flyer mappa/flyer li jitqassam fl-entraturi ta' Bethlehem f'Għajnsielem li ta' kull sena kien jiġġ sponsorjat mill- sponsor Arkadia, din is-sena bgħatulna li mhumiex interessati u minflok ħa tiġi sponsorjata minn Magro Brothers.

6.4.9 Is-Sindku għamel referenza għall-informazzjoni li ksibna mill-media dwar l-applikazzjonijiet ta' Vjal Kulħadd fejn jidher li l-applikazzjonijiet tal-Kunsilli Għawdxin mhux se jiġu aċċettati għaliex Infrastructure Malta tagħmel biss xogħolijiet f'Malta. Il-Kunsill bgħatt ittra lil Ministru tat-Transport, Segretarju Paralmentari għal-Gvern Lokali, AKL u CEO Infrastructure Malta. Huwa inġust għaliex apparti li dan huwa nuqqas ta' rispett lejn il-Kunsilli Għawdxin, il-Kunsill tagħna għamel erba' gimghat ta' hidma ma taqta xejn u spejjes ta' Perit fi progett li nemmnu fih bi shih sabiex inlaħħqu mad-deadline qasira ta' din l-iskema, li mhix waħda infrastrutturali biss izda biex tagħti hajja u titjib lit-toroq tagħna u tagħmilhom aktar ta' kulħadd. Huwa verament ingust li Għawdex jiġi diskwalifikat minn din l-iskema meta mkien ma' kien hemm speċifikat li hija għal Kunsilli Maltin biss.

6.4.10 Is-Sindku qal li fl-14 ta' Novembru kellu laqgħa ma' Alexander Esslinger CEO u fundatur ta' SKY ThinkTank Ltd li qed joffru servizz ta' drone għat-transport ta' oġġetti żgħar bħal mediċina eċċ bejn Malta u Għawdex sabiex jiġi diskuss possiblita li jingħataw spazju ta' madwar 5x5 metri idejalent fl-inħawi tal-parkeġġ jew Ta' Passi sabiex jintuza bħala launching pad tad-Drones. Naturalment dan il-kunċett għadu wieħed preliminarju u jridu jiġu diskussi diversi punti relatatai ma' din il-possibilta'.

6.4.11 Nhar l-Erbgha 20 ta' Novembru is-Sindku attenda għall-Press Conference dwar l-għoti ta' fondi għall-attivitajiet tal-Milied mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li nżammet f'Fort St. Elmo Hall, Valletta. Il-Kunsill tagħna ngħata l-fondi għal darb'oħra.

6.4.12 L-Għaqda tal-Armar bagħtet talba sabiex għal darb'oħra il-publikazzjoni tal-kalendarju t'Għajnsielem issir bi sħab mal-Kunsill. It-talba hi ta' €345 + vat. Il-Kunsill qabel li ghandu joħroġ parti mill-ispiża sa' massimu ta' €250.

6.4.13 Għandna talba minn numru ta' ġenituri sabiex issir xi forma ta' canopy fejn hemm ic-central strip bil-mosaic Triq Ġnien (faċċata ta' Triq Provigarju). Dan sabiex it-tfal tal-iskola jistkennu mix-xita sakemm jirkbu ix-xarabank.

6.4.14 Għajnsielem Football Club se jorganizzaw tournament Sliema u team building Pembroke għan-Nursery u jixtiequ għajnuna għat-transport.

6.4.15 Ġejna infurmati li twaħħlet tabella 'Merħba Qala' mill-Kunsill Lokali tal-Qala quddiem ir-restaurant 'Country Terrace' fi Triq Żewwieqa u ħolqot ħafna konfużżjoni mir-residenti.
It-tabella teknikament twaħħlet fi- konfini tal-Qala għaliex nofs din it-Triq int u tiela jew nieżel hija parti mill-Qala – iżda daqstant ieħor tagħmel parti minn Għajnsielem. Kien jagħmel aktar sens kieku din it-tabella weħlet f'post fejn it-Triq u konfini jagħmlu totalment mal-Qala. Għalhekk sar qbil li tinkiteb ittra lil Kunsill Lokali Qala sabiex din it-tabella titmexxa. Ġie suġġerit wkoll li teħel tabella 'Merħba Għajnsielem' fil-parti ta' fuq nett tat-triq li tagħmel m'Għajnsielem. Nibghaatulhom ittra

## 6.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera

6.5.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg staqsa dwar f'hiex waslet l-applikazjoni tat-Town for Citizens għall-ġemellagg f'hiex waslet. Is-Sindku nfurmah li l-applikazzjoni giet sottomessa u qed nistennew l-eżitu tad-deċizzjoni.

6.5.2 Il-kunsillier Larry Buttigieg staqsa jekk l-Għaqda Voice for Inclusion hix qed tipproċessa rigward ix-xogħol ta' rinovazzjoni fis-Sala ta' San Ġużepp

6.5.3 Il-kunsillier Larry Buttigieg propona li għandna norganizzaw Tombla b'risq l-attivita' tal-Ballu tal-Karnival.

6.5.4 Il-Kunsillier Teddy Saliba propona li għandna nagħtu tifkira lill-eks kunsillier Peter Caruana x'ħin nagħmlu żjara lill-anzjani. Is-Sindku wieġbu li dan nistgħu nipprezentawhielu dakinhar taż-żjara li ser nagħmlu fid-djar tal-anzjani San Guzepp nhar is-27 ta' Diċembru.

6.5.5 Il-kunsillier Teddy Saliba għamel riferenza għall-istedina li għamlitilna bħala Kunsill is-sid tal-lukanda White Night għal bibita' tal-Milied nhar it- 8 ta Dicembru wara l-inawgurazzjoni tas-Sigra.

**6.6 Korrispondenza**

6.6.1 Ġiet diskussa l-problema tat-traffic calmers li ġew introdotti fi Triq Borg Għarib peress li ġew għoljin ħafna u minbarra li qed izamzmu lillkarozzi qed ikunu ta' nkonvenjent għar-resident minħabba l-istorbju li qed jikkaġunaw. Sar qbil li dan l-ilment għandna nressquh lill-Transport Malta.

**6.7 Update dwar il-proġetti**

6.7.1 Is-Sindku Kevin Cauchi ta update tal-progetti kurrenti skond dawn il-punti:-

**6.7.2 Proġett tal-Misraħ fi' Pjazza Madonna ta' Loreto**

- Saret laqgħa mal-Arċipriet dwar id-disinn, pjanti u materjal
- Il-Perit qal li samples tal-materjal waslu u qed jemenda l-stimi
- Il-proċess fuq 'light design' huwa lest u jinkludi dawl tal-Knisja, taraġ u misraħ
- Jmiss issa l-Aripriet jġib approvazzjoni mill-Kurja sabiex jsir id-dawl tal-Knisja u taraġ. Meta jiġu konklużi l-aħħar stimi jmiss li jiġi preżentat kollox lil Kummisjoni tal-Arti Sagra u eventwalment applikazzjoni tal-Permess mal-Awtorita tal-Ippjanar

6.7.3 Sar qbil li ma' dan il-proġett għadna wkoll ninkludu wkoll bus shelter ħhdejn ir-Rradju Lauretana.

**6.7.4 Triq Hamri**

- Qed nistennew mill-kuntrattur għat-tieni saff

**6.7.5 Proġett ta' Bollards, pavimentar u lluminazzjoni quddiem il-każini.**

- Il-fanali twaħħlu
- Qed jigi ippjanat sabiex ix-xogħol jibda aktar tard din is-sena
-

**6.7.6 Ġnien quddiem l-iskola Primarja - Urban Greening**

- Tneħħew diversi cables u wires mill-faċċata tal-iskola
- Ix-xogħol beda u l-cladding beda jitwaħħal
- Inġabru l-stimi tas-siġar u s-Sur Joseph Bononello se jkun qed jara l-ispeċifikazzjonijiet

**6.7.7 Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra**

- Qed nistennew sabiex ix-xogħol jibda aktar tad din is-sena.

6.7.8 **Proġett Playingfield Amabile Cauchi**

- Il-Kuntrattur ser jiffirma il-kuntratt tat-tender u jagħmel il-garanzija
- Project Green ser jagħmlu onsite visit fil-ġrannaet li jmiss

6.7.9 **Bini Arkata**
- Il-kuntratt tad-DPF tal-Awtorita tal-Ippjanar huwa ffirmat.
- Il-Perit se jkun qed jlesti l-speċifikazzjonijiet tat-tender

6.7.10 **Tisqifa daħla tal-Iskola u tkabbir tat-terrazin**
- Il-Perit ser japplika skond il-pjanti li ġew diskussi fil-Laqgħa Kunsill
- Se jingħaqad it-terrazzin tas-Sala tal-Kunsill mat-terrazin tal-Librerija u daħla skola

6.7.11 **Ġnien Briegħen mal-Kunsill tax-Xewkija**
- Se jsiru diskussjonijiet mas-Sindku l-ġdid tax-Xewkija sabiex naraw kif se jkun il-pjan ta' ħidma fuq dan il-proġett.

6.7.12 **Tindif tal-Wied Simirat**
- Ix-xogħol ta' tindif u bini tal-ħitan tas-sejjieħ huwa lest.

6.7.13 **Ġnien quddiem il-Kunsill**
- Il-Perit se jagħmel pjan dwar kif jitqassam ix-xogħol marbut ma' dna il-proġett u x'jista jsir bil-finanzjament li għadna.
- Il-finazjarjament se jkun minn skemda tad-Dipartiment tal-Kusnilli Lokali.

6.7.14 **Tisbiħ madwar il-Kappella ta' Lourdes**
- Saret laqgħa mas-CRPD nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru sabiex naraw għaliex ma kienx hemm approvazzjoni da parti tagħhom. Jidher li kien hemm issues marbuta mar-rampa tal-ġemb. Il-Perit Shawn Micallef ser jirrevedi il-pjanti u jagħmel is-sottomisjonijiet neċessarji.
- Il-finanzjament tal-proġett se jkun mil-fond tal-LESA

## 6.8 Milied u Bethlehem f'Għajnsielem 2024

6.8.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal fatt li x-xogħol tat-tiżjin, bini tas-siġra tal-Milied u Bethlehem f'Għajnsielem jinsab miexi tajjeb ħafna sabiex inkunu nistgħu nimxu mal-programm.

6.8.2 L-inviti għal ftuħ ta' Bethlehem f'Ghajnsielem u ta' Ġieħ Għajnsielem intbgħatu wkoll. Bħala inawgurazzjoni ta' ġranet tal-ftuħ ta' Bethlehem f'Għajnsielem u tas-Ssiġra tal-Milied u Bethlehem f'Għajnsielem se jkunu miftuħa mill-Onor Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar Clint Camilleri filwaqt li qed nissitennew risposta mis-Segretarju Parlamentari għal Gvern Lokali Alison Zerafa Civelli.

6.8.3 Iċ-ċerimonja ta' Ġieħ Għajnsielem ser issir fil-klabb tal-każin tal-Football nhar it-13 ta' Diċembru 2024 fis-7pm.

6.8.4 Il-ftuħ ta' Bethlehem f'Għajnsielem ser jixxandar live fuq TVM u li dan il-kollegament ukoll ser jigi sponsorjat mill-Ministeru ghal Ghawdex.

6.8.5 Gie diskuss il-Kalendarju uffiċjali tal-attivitajiet tal-Milied f'Għajnsielem li jinkludi wkoll l-attivitajiet Parrokjali kif ukoll dawk organizzati mill-NGOs. Il-Kunsill qabel mal-kontenut.

6.8.6 Sar qbil ukoll li l-iSports Day issir nhar l-istrina filgħhodu, fis-26 ta' Diċembru.

## 6.9 Karnival u St Patrick's 2025

6.9.1 Is-Sindku għamel referenza għall-iskema SPI/SCI/8/2024 Espressjoni ta' Interess-Finanzjament Karnival 2025 mnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn fiha nistg]u napplikaw għall-attivitajiet tal-Karnival 2025. Sar qbil li għal din is-sena għandna napplikaw sabiex isir Karnival b'differenza, f'Għajnsielem Carnival Family Fest fejn jibda b'festin għat-tfal, kompetizzjonijiet tal-kostum, parata bil-banda mar-raħal, żifna *hilarious* tal-Karnival minn grupp ta' żgħażagħ Għajnsielem, u jintemm b'Ballu tal-Karanival. Sar qbil li l-attivita' ssir fis-Sala tal-Iskola Primarja u fil-ġnien u triq ta' quddiem l-istess sala.

6.9.2 Is-Sindku propona li għandna b'effett immedjat napplikaw għall- fodni mill-Ministeru ghal Għawdex sabiex għal darb'oħra jkollna attivita' mill-aqwa f'jum San Patrizju.

## 6.10 Tender – Lattrina Publika fl-Imġarr

6.10.1 Sar qbil li t-Tender tal-Latrina tal-Imġarr għandu jaqa' peress li l-kuntrattur minkejja diversi attentati anke' permezz ta' email baqa ma resaqx għall-iffirmar tal-kuntratt. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jwaqqa' l-offerta u jerġa joħroġha mill-ġdid.

## 6.11 Approvazzjoni tal-Pagamenti

6.11.1 Ġiet preżentata u approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 138.

## 6.12 Materji oħra

6.12.1 Ma kienx hemm hemm punti oħra x'jiġu diskussi.

## 6.13 Tmiem tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fis-6:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 10 ta' Diċembru 2024 fin-12:30.

***Kevin Cauchi***

***Sindku***

***Lucienne Haber***

***Segretarju Eżekuttiv***